# Beijing+20: Il-Pjattaforma ta' Azzjoni (BPfA) u l-Unjoni Ewropea

# Qasam I: Id-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nisa

## Il-Kuntest tal-Politika

L-ugwaljanza bejn is-sessi hija prinċipju fundamentali, li jikkostitwixxi parti integrali mid-drittijiet tal-bniedem u prerekwiżit biex id-drittijiet tal-bniedem ikunu applikabbli u jkun jista' jgawdihom kulħadd. Fid-Dikjarazzjoni ta' Vjenna u l-Programm ta' Azzjoni 'id-drittijiet tal-bniedem għan-nisa u għall-bniet' huma definiti bħala 'parti inaljenabbli, integrali u indiviżibbli mid-drittijiet universali tal-bniedem'. Barra minn hekk id-dikjarazzjoni ssejjaħ għal kunsiderazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tan-nisa fl-attivitajiet kollha tan-Nazzjonijiet Uniti. Relatat ma' dan, id-drittijiet tal-bniedem tan-nisa kienu indirizzati u stabbiliti f'diversi strumenti legali internazzjonali u Ewropej.

### Strumenti u Leġiżlazzjoni Internazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem

- Il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW), li tiddefinixxi d-drittijiet tal-bniedem tan-nisa bħala drittijiet tal-bniedem.
- Il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (2007) li tikkostitwixxi l-uniku strument internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem li l-UE rrattifikat.

### Strumenti u Leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem

- It-Trattati tal-Unjoni Ewropea, eż. it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) (riformulazzjoni tal-2009), li jafferma mill-ġdid il-prinċipju tal-ugwaljanza u l-obbligu tal-UE li telimina l-inugwaljanzi, li jitlob lill-Istati Membri jiġġieldu d-diskriminazzjoni meta jiddefinixxu u jimplimentaw politiki.
- Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (2000), li ssaħħaħ il-qafas leġiżlattiv ġenerali għad-drittijiet tal-bniedem fl-UE, tistabbilixxi l-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi u tipprojbixxi d-diskriminazzjoni, tiggarantixxi lill-individwi kollha d-dritt għal miżuri ta' rimedju effettivi u proċess ġust.
- Id-Direttivi tal-Unjoni Ewropea, li jikkonċernaw oqsma bħall-opportunitajiet indaqs u t-trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (2006/54/UE), il-piż tal-prova f'każijiet ta' diskriminazzjoni bbażati fuq is-sess (97/80/KE), id-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, il-kunċetti ta' "vjolenza abbażi tas-sessi" u "l-vjolenza f'relazzjonijiet mill-qrib"(2012/29/UE).
- L-Istrateġija għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2010-2015, li tħeġġeġ lill-Istati Membri jikkunsidraw il-ħtiġijiet differenti tan-nisa (inkluż inugwaljanzi li jinkroċjaw ma' xulxin) fil-leġiżlazzjonijiet u l-politiki, u tintroduċi l-idea li l-vjolenza kontra n-nisa hija ksur tad-drittijiet tal-bniedem.
- Il-Patt Ewropew għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel għall-perjodu 2011-2020, jitlob lill-Istati Membri jieħdu l-passi meħtieġa biex jittrattaw id-diskriminazzjoni f'oqsma differenti tal-ħajja soċjali.
- L-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità 2010–2020
- Il-Qafas tal-UE għal Strateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom sal-2020
- Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 dwar il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin (2002/629/JHA)

## L-objettivi strateġiċi tal-BPfA u l-indikaturi tal-UE

**I.1.** Li jiġu promossi u protetti d-drittijiet tal-bniedem tan-nisa permezz tal-implimentazzjoni sħiħa tal-istrumenti kollha tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod speċjali l-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW).

**I.2.** Li jkunu żgurati l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni skont il-liġi u fil-prattika.

**I.3.** Li jinkiseb il-litteriżmu legali (jiġifieri t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa rigward kwistjonijiet li jinvolvu l-liġi).

L-Istati Membri kollha rrattifikaw u għalhekk huma marbutin bil-liġi li jimplimentaw is-CEDAW skont il-prinċipju ta' diliġenza dovuta. Bħala parti minn dan l-obbligu l-Istati Membri jissottomettu regolarment rapporti nazzjonali dwar il-miżuri meħudin mill-Kumitat dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (il-Kumitat tas-CEDAW), li janalizza dawn ir-rapporti u joħroġ rakkomandazzjonijiet speċifiċi. Dawn huma kkumplementati minn rapporti paralleli, ikkumpilati minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-pajjiżi rispettivi tagħhom. Barra minn hekk, il-Kummissjoni Ewropea toħroġ rapporti annwali dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel. Sal-lum il-qasam tad-drittijiet tal-bniedem ma ġiex rivedut bħala parti mill-proċess ta' monitoraġġ tal-BPfA fil-livell tal-UE.

Il-bażi tad-dejta "Women and men in the EU — facts and figures" ("In-nisa u l-irġiel fl-UE — fatti u figuri") żviluppata mill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi tagħti l-aktar dejta u informazzjoni reċenti dwar dawn l-indikaturi, disponibbli fuq: http://eige.europa.eu/content /women-and-men-in-the-eu-facts-and-figures

## Is-sejbiet mid-dejta minn madwar l-UE

### Il-leġiżlazzjoni dwar l-anti-diskriminazzjoni hija diffiċli biex tiġi trasposta u implimentata

Skont in-Netwerk ta' Esperti Legali tal-Kummissjoni Ewropea, l-implimentazzjoni tad-direttivi dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi hija limitata f'ċerti każijiet. L-approċċ ġeneralment newtrali fir-rigward tas-sessi adottat fil-formulazzjoni tal-leġiżlazzjoni, pereżempju, jostakola l-implimentazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi, bħalma tagħmel il-prevalenza tal-isterjotipi fl-istituzzjonijiet leġiżlattivi u ġudizzjarji. B'mod simili, bħala medja fl-2012 kienu biss 22 % taċ-ċittadini fl-UE-27 li ħassew li l-gvernijiet rispettivi tagħhom ittrattaw il-forom kollha ta' diskriminazzjoni b'mod effettiv.

### Ostakli strutturali u istituzzjonali għan-nisa biex ikollhom aċċess għall-ġustizzja

In-nisa jiffaċċjaw ostakli strutturali u istituzzjonali speċifiċi meta jipprovaw jaċċessaw il-ġustizzja. Dawn id-diffikultajiet jistgħu jkunu marbutin mal-ispejjeż tal-proċedimenti ġudizzjarji. Barra minn hekk, il-qrati u l-korpi tal-pulizija jista' jkun li ma jifhmux biżżejjed il-vjolenza kontra n-nisa. Bħala konsegwenza, in-nuqqas ta' koordinazzjoni bejn l-istituzzjonijiet ġudizzjarji u kriminali matul il-proċeduri ta' investigazzjoni u l-ġbir tal-provi jistgħu jeħtieġu lis-superstiti nisa tal-vjolenza biex jerġgħu jiddeskrivu l-esperjenzi tagħhom u jirrepetu l-eżamijiet mediċi. Il-proċeduri ġudizzjarji fit-tul u l-vittimizzazzjoni sekondarja li jirriżultaw, flimkien mal-pressjoni tas-soċjetà, jistgħu jiskoraġġixxu effettivament lin-nisa milli jagħmlu rapport.

L-isterjotipi u s-sottorappreżentazzjoni tan-nisa fil-korpi tal-pulizija u l-ġudikatura jistgħu jnaqqsu l-kwalità tas-servizzi li jirċievu n-nisa u l-irġiel u dan jista' jiskoraġġixxi n-nisa milli jfittxu appoġġ. L-attitudnijiet u t-twemmin tradizzjonali marbutin mal-isterjotipi tas-sessi jistgħu jikkawżaw preġudizzji bbażati fuq is-sess fil-qrati, li ġew identifikati bħala waħda mir-raġunijiet għan-numru żgħir ta' każijiet tal-qorti li jwasslu għal kundanna u l-livelli għoljin ta' attrizzjoni li ġew irreġistrati.

L-iżvilupp ta' dejta u riċerka fil-livell nazzjonali u Ewropew jista' jgħin biex jiġu identifikati u vvalutati aħjar l-ostakli li n-nisa jiffaċċjaw.

### Il-valutazzjoni tad-diskriminazzjoni intersezzjonali hija diffiċli, b'mod partikolari fejn huwa involut s-sess

Id-diskriminazzjoni intersezzjonali hija kunċett kumpless, kunċett li diffiċli tiddefinixxi u timplimenta b'mod differenti fis-sistemi ġuridiċi fl-Istati Membri. Skont il-prinċipju ta' paragunabilità, huwa meħtieġ li jiġi identifikat każ ta' referenza kemm fil-liġi tal-UE kif ukoll nazzjonali, sabiex jiġi vvalutat jekk persuna ġietx diskriminata jew le. Speċifikament fejn hija kkonċernata l-intersezzjonalità, huwa diffiċli li jinstabu paraguni xierqa, li jwassal biex il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni jkun limitat fil-prattika.

**IL-PERĊENTWAL TA' PERSUNI LI JAĦSBU LI L-ISFORZI LI SARU F'PAJJIŻHOM BIEX JIĠU MIĠĠIELDA L-FOROM KOLLHA TA' DISKRIMINAZZJONI HUMA KOMPLETAMENT EFFETTIVI, 2012**




*Sors:* L-Ewrobarometru speċjali 393, Id-Diskriminazzjoni fl-UE fl-2012

## Il-migranti (inklużi r-refuġjati, l-applikanti għall-ażil u nisa mingħajr dokumenti)

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jagħtu d-dritt ta' residenza temporanja meta tiġi pprezentata evidenza ta' kuntratt tax-xogħol regolari. In-nisa migranti, madankollu, ħafna drabi jaħdmu f'setturi mhux irregolati u fl-ekonomija informali. Barra minn hekk, il-liġijiet dwar ir-residenza u l-impjieg li fil-biċċa l-kbira ma jħarsux lejn is-sess għadhom marbutin mal-istat tal-familja. B'mod konsistenti, in-nisa li jidħlu fil-pajjiż bħala konjuġi ta' ħaddiem raġel jiddependu fuq il-kontinwità tar-relazzjoni tagħhom, li jagħmilha partikolarment diffiċli għalihom biex ifittxu appoġġ mis-sistema tal-ġustizzja kriminali meta, pereżempju, jiffaċċjaw vjolenza bbażata fuq is-sess. L-aċċess għall-ġustizzja huwa partikolarment diffiċli għal nisa migranti mingħajr dokumenti, għaliex dawn jibżgħu li jistgħu jiġu kriminalizzati meta jaċċessaw is-sistema ġuridika; kwistjoni ffaċċjata speċifikament mill-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin u l-prostituzzjoni sfurzata.

### *In-nisa minn grupp ta' minoranza*

In-nisa minn gruppi ta' minoranza (eż. etniċi, lingwistiċi jew reliġjużi) għandhom aċċess limitat għall-ġustizzja għaliex jiffaċċjaw riskju ogħla ta' faqar u esklużjoni soċjali. Madankollu, id-diffikultajiet u l-ostakli li jiltaqgħu magħhom in-nisa minn minoranzi etniċi meta jaċċessaw is-suq tax-xogħol mhumiex indirizzati mill-Istati Membri, minkejja l-fatt li l-maġġoranza tal-Istati Membri jiddependu fuq il-parteċipazzjoni individwali fis-suq tax-xogħol biex isostnu l-pensjonijiet u s-sistemi ta' benefiċċji tagħhom.

### *In-Nisa Rom*

Il-popolazzjoni tar-Rom tikkostitwixxi l-akbar grupp ta' minoranza etnika tal-UE, u hija stmata li tinkludi 6 miljun individwu. Filwaqt li t-terminu popolazzjoni tar-Rom jintuża komunement fil-livell ta' politika, dan jgħatti d-diversità fi ħdan il-grupp. In-nisa Rom jesperjenzaw uħud mill-forom l-aktar evidenti ta' marġinalizzazzjoni u diskriminazzjoni u ħafna drabi huma ristretti milli jidħlu fl-isfera pubblika, minħabba l-obbligi tagħhom fl-isfera privata u l-valuri tradizzjonali persistenti rigward ir-rwol tan-nisa fil-komunitajiet tagħhom.

### *In-nisa b'diżabilità*

In-nisa u l-bniet li għandhom diżabilità jifformaw sa 16 % mill-popolazzjon kollha tan-nisa fl-UE. In-nisa b'diżabilità huma bejn 0.5 u għaxar darbiet iżjed probabbli li jiġu diskriminati, għall-kuntrarju ta' nisa mingħajr diżabilità.

### *Nisa lesbjani jew bisesswali u persuni transġeneru*

In-nisa lesbjani u bisesswali, kif ukoll il-persuni transġeneru, huma aktar probabbli li jirrapportaw li jiġu diskriminati fuq il-bażi tas-sess tagħhom minn irġiel omosesswali u bisesswali.

### *Nisa aktar anzjani*

In-nisa li għandhom iżjed minn 65 sena għadhom jiffaċċjaw diskriminazzjoni speċifika u konsiderevoli — rigward l-aċċess tagħhom għall-impjieg jew meta jitolbu rimedju, u meta jaċċessaw il-qrati u l-għases tal-pulizija — għaliex jistgħu ma jkunux jafu x'servizzi qegħdin jiġu offruti u jistgħu ma jħossuhomx vittmi.

## Inizjattivi utli:

Ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem tan-nisa u t-trattament ugwali kien parti mill-attivitajiet ta' diversi organizzazzjonijiet għad-drittijiet tal-bniedem fl-Istati Membri u madwar l-UE. Iċ-Ċentru Estonjan għad-Drittijiet tal-Bniedem mexxa l-proġett "Netwerk għal Trattament Ugwali" matul il-perjodu 2012–15 li jfittex li jippromwovi t-trattament ugwali u jtejjeb il-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni permezz tan-networking u l-kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-avukatura strateġika. L-Istitut Daniż għad-Drittijiet tal-Bniedem (DIHR) ippubblika Rapport dwar l-Istatus ġdid li għandu l-għan li jippreżenta l-kwistjonijiet essenzjali tad-drittijiet tal-bniedem fid-Danimarka. It-temi mogħtija prijorità fir-Rapport dwar l-Istatus tad-DIHR għall-2013 jiffokaw fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi fid-Danimarka. Barra minn hekk, id-Dipartiment għat-Trattament Ugwali tad-DIHR jaħdem fuq l-iżvilupp ta' metodi għall-promozzjoni tat-trattament ugwali u n-nondiskriminazzjoni, b'uħud mis-settijiet ta' għodod li ġew żviluppati f'dan il-qasam li huma "Diversity Wheel", "The Diversity Lab"(għas-settur privat) u "The Equality Lab" (għall-muniċipalitajiet).

## AVVANZI U OSTAKLI FIL-QASAM I: ID-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM TAN-NISA

| AVVANZI | OSTAKLI |
| --- | --- |
| • L-importanza li jiġi żgurat l-aċċess ugwali għall-ġustizzja kienet rikonoxxuta bħala kwistjoni fundamentali.<br>• Il-ħtieġa li tiġi indirizzata d-diskriminazzjoni multipla jew intersezzjonali ġiet rikonoxxuta minn ċerti Stati Membri.<br>• Il-ħtieġa li jingħata appoġġ lin-nisa li huma superstiti ta' vjolenza ġiet rikonoxxuta dejjem iżjed u wasslet għall-adozzjoni ta' miżuri u mekkaniżmi ta' appoġġ aktar avvanzati f'ċerti Stati Membri. | • In-nisa u l-irġiel ma jgawdux id-drittijiet tagħhom bl-istess mod.<br>• In-nisa jiffaċċjaw ostakli istituzzjonali, ekonomiċi u kulturali meta jippruvaw jiksbu aċċess għall-ġustizzja.<br>• In-nisa li jappartjenu għal ċerti gruppi jsibuha diffiċli b'mod speċjali biex jiksbu aċċess ugwali għall-ġustizzja.<br>• In-nisa li huma vittmi ta' vjolenza għadhom jiffaċċjaw ostakli konsiderevoli biex jitolbu rimedju.<br>• Ma ġiet żviluppata l-ebda dejta jew indikaturi komparattivi għall-valutazzjoni tal-progress fl-Istati Membri f'dan il-qasam ta' tħassib. |

## It-triq 'il quddiem għall-UE

- Li tiżviluppa indikaturi għall-valutazzjoni tal-progress fl-Istati Membri fil-qasam tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nisa.
- Li tindirizza l-ostakli li n-nisa u speċifikament il-vittmi ta' vjolenza jiffaċċjaw, meta jitolbu rimedju meta d-drittijiet tagħhom ikunu nkisru.
- Li tiżgura l-aċċess ugwali għall-ġustizzja għan-nisa kollha, billi tneħħi l-ostakli ekonomiċi, kulturali u istituzzjonali (bbażati fuq is-sessi) bħala prekondizzjoni meħtieġa għad-drittijiet tal-bniedem tan-nisa.
- Li tiżviluppa miżuri biex tiżgura t-tgawdija ugwali tad-drittijiet tal-bniedem min-nisa u l-irġiel, biex tittratta d-diskriminazzjoni multipla u l-intersezzjonalità u biex tindirizza l-kwistjonijiet speċifiċi tan-nisa li huma superstiti tal-vjolenza.

### L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE)

L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) huwa ċ-Ċentru tal-UE ta' għarfien dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi. EIGE jappoġġa lil kull min ifassal il-politika u lill-istituzzjonijiet rilevant kollha fl-isforzi tagħhom biex l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel issir realtà għall-Ewropej kollha u lil hinn, billi tipprovdilhom għajnuna speċifika u dejta kumparabbli u affidabbli dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-Ewropa.

Aktar informazzjoni fuq http://eige.europa.eu

Iċ-Ċentru ta' Riżorsi u Dokumentazzjoni (RDC) tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi huwa għodda innovattiva u prattika li tgħin biex jinstabu r-riżorsi ewlenin dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi, tiffaċilita l-iskambju tal-għarfien fost dawk b'interess fil-politika u l-prattiċi dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u toffri spazju onlajn għal diskussjoni u dibattitu.

Aktar informazzjoni fuq http://eige.europa.eu/content/rdc

**Informazzjoni biex tagħmel kuntatt:**
L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi
Gedimino pr. 16, LT-01103 Vilnius, LITHUANIA
Tel. +370 52157444, Tel. +370 52157400

facebook.com/eige.europa.eu
twitter.com/eurogender
youtube.com/eurogender
https://eurogender.eige.europa.eu

ISBN 978-92-9493-276-1
doi:10.2839/558979
MH-04-15-022-MT-N